31999R1081

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1081/1999
tas-26 ta' Mejju 1999
li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal importazzjonijiet ta' barrin, baqar u eriegħ ta' ċerti razez ta' l-Alpi u tal-muntanji minbarra dawk għall-qtil, li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1012/98 u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1143/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' ċanga u vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1633/98 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariifi Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonali, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li għalihom hemm provdut fil-Ftehim ta' l-Ewropa, sabiex tingħata konsiderazzjoni lill-Ftehim dwar l-Agrikoltura milħuq waqt il-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati dwar kummerċ multilaterali [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2435/98 [4] u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet elenkati fl-Iskeda CXL magħmul fid-dawl tal-konklużjonijiet tat-Taqsima XXIV.6 tan-negozjati tal-GATT [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

(1) Billi, fil-qafas ta' l-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ (WTO), il-Komunità obbligat ruħha li tiftaħ żewġ kwoti annwali ta' tariffi kull waħda għal 5 000 ras għal barrin, baqar u eriegħ minnbarra dawk għall-qatla tar-razza Simmental kollha kuluri u tar-razez Schwyz u Fribourg u għal baqar u eriegħ minbarra dawk għall-qatla tar-razez Simmental griżi, kannella, sofor u kollha kuluri u tar-razza Pinzgau b'rati ta' dazju doganali ta' 6 % u 4 % rispettivament; billi dawk il-kwoti għandhom jinfetħu fuq bażi multiannwali għal perjodi ta' tnax-il xahar li jibdew nhar l-ta' Lulju, minn hawn 'il quddiem imsejjħa "is-sena ta' importazzjoni", u għandhom jiġu preskritti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħhom;

(2) Billi għandu jkun hemm garanzija b'mod partikolari ta' aċċess ugwali u kontinwu għall-kwoti msemmija għall-operaturi kollha interessati fi ħdan il-Komunità u ta' applikazzjoni li ma tieqafx tad-dazji doganali preskritti għal dawk il-kwoti għall-importazzjonijiet kollha ta' l-annimali in kwistjoni sakemm ikunu eżawriti l-kwoti;

(3) Billi l-esperjenza uriet li jekk jiġu limitati l-importazzjonijiet dan jista' jwassal għal applikazzjonijiet spekulattivi għal liċenzi ta' importazzjoni; billi, sabiex ikun assigurat li l-miżuri ppjanati jaħdmu tajjeb, il-parti l-kbira tal-kwantitajiet disponibbli għandha tkun allokata lil importaturi "tradizzjonali" ta' barrin, baqar u eriegħ ta' razez ta' l-Alpi u tal-muntanji speċifikati; billi f'ċerti każijiet żbalji amministrattivi mill-organizazzjoni nazzjonali kompetenti jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' importaturi għal dik il-parti tal-kwota; billi għandu jkun provdut sabiex jitranġa kull preġudizzju li jirriżulta;

(4) Billi, sabiex ikun evitat li r-relazzjonijiet tan-negozju f'dan is-settur jiġu infurzati f'forma eċċessivament riġida, għandha tkun magħmula disponibbli biċċa oħra lil importaturi li jistgħu juru li huma impenjati f'negozju ġenwin ta' ċertu livell ma' pajjiżi terzi; billi, in konnessjoni ma' dan u b'ħarsa lejn tmexxija effiċjenti, jeħtieġ li l-operaturi konċernati jkunu impurtaw mill-inqas 15-il ras fit-12-il xahar ta' qabel is-sena ta' importazzjoni in kwistjoni; billi, bħala prinċipju, merħla ta' 15-il annimal tikkostitwixxi tagħbija normali u l-esperjenza uriet li l-bejgħ u x-xiri ta' merħla waħda hi ħtieġa minima sabiex operazzjoni tiġi kunsidrata bħala ġenwina u vijabbli;

(5) Billi, biex tiġi verifikata konformità ma' dawn il-kriterji, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-Istat Membru fejn l-importatur jkun reġistrat għal raġunijiet ta' VAT;

(6) Billi, sabiex ma jkunx hemm spekulazzjoni, l-operaturi "tradizzjonali" li m'humiex aktar involuti fin-negozju ta' ċanga u vitella fl-1 ta' Ġunju ta' qabel is-sena ta' importazzjoni in kwistjoni għandhom ikunu mċaħħda mill-aċċess għall-kwota;

(7) Billi għandu jsir provvediment sabiex id-drittijiet ta' importazzjoni jkunu allokati wara perjodu ta' konsiderazzjoni u soġġetti, fejn ikun applikabbli, għall-applikazzjoni ta' perċentwali ta' riduzzjoni uniformi;

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 17.
[3] ĠU L 328, tat-30.12.1995, p. 31.
[4] ĠU L 303, tat-13.11.1998, p. 1.
[5] ĠU L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.

(8) Billi għandu jsir provvediment sabiex l-arranġamenti jkunu amministrati permezz ta' liċenzi ta' importazzjoni; billi, għal dak il-għan, għandu jkun provdut b'mod partikolari għal regoli dettaljati dwar il-mod kif applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi u dwar id-dettalji li għandhom jidhru fuq applikazzjonijiet u fuq liċenzi, jekk hemm bżonn permezz ta' deroga minn, jew billi jkunu miżjuda, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1044/98 [2], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli ta' applikazzjoni għal liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2365/98 [4];

(9) Billi l-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 [6], jipprovdi għal sorveljanza tad-dwana fuq merkanzija rilaxxata għal moviment ħieles b'rata ta' dazju ridotta skond l-użu finali tagħha; billi l-annimali importati għandhom ikunu kkontrollati għal ċertu perjodu sabiex ikun assigurat li ma jinqatlux matul dak il-perjodu; billi sabiex ikun assigurat li l-qtil ta' l-annimali ma jseħħx matul dak il-perjodu, jenħtieġ li tingħata garanzija li tkopri d-differenza bejn it-tariffa doganali komuni (TDK) u d-dazju mnaqqas applikabbli fid-data ta' ħruġ għall-moviment ħieles ta' l-annimali in kwistjoni;

(10) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1012/98 ta' l-14 ta' Mejju 1998 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal importazzjonijiet ta' barrin, baqar u eriegħ minbarra dawk maħsuba għall-qatla, ta' ċerti razez ta' l-Alpi u tal-muntanji [7], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1143/98 [8], għandu jiġi revokat;

(11) Billi, sabiex ikun assigurat li l-annimali importati ma jiġux maqtula għal ċertu perjodu, l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1143/98 tat-2 ta' Ġunju 1998 li jippreskrivii regoli dettaljati għal kwota ta' tariffa għal baqar u eriegħ ta' razez tal-muntanji speċifiċi li joriġinaw minn pajjiżi terzi varji, minbarra minn dawk biex jinqatlu, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1012/98 jipprovdi sabiex annimali importati jkunu identifikati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 tal-21 ta' April 1997 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini u dwar it-tikkettjar ta' ċanga u prodotti taċ-ċanga [9] u għal ċerti partikolaritajiet addizzjonali; billi, minħabba li dawk il-partikolaritajiet huma diġà obbligatorji, iż-żewġ paragrafi in kwistjoni għandhom jiġu mħassra;

(12) Billi, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Artikolu 2(1)(a) u l-Artikolu 8(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1143/98 għandhom jiġu korretti;

(13) Billi l-miżuri li dwarhom hemm provvediment f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam taċ-Canga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti ta' tariffi li ġejjin huma minn issa miftuħa fuq bażi multiannwali għal perjodi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, kull waħda minnhom minn issa "l quddiem imsejjħa" is-sena ta' importazzjoni.

Numru tas-serje	Kodiċi NM [1]	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota (rjus ta' bhejjem)	Dazju Doganali
09.0001	ex 0102 90 05 ex 0102 90 29 ex 0102 90 49 ex 0102 90 59 ex 0102 90 69	Baqar u eriegħ tar-razez tal-muntanji li ġejjin, minbarra dawk għall-qatla: griżi, kannella, sofor u kollha kuluri tar-razez Simmental u tar-razza Pinzgau	5 000	6 %

[1] Kodici Taric- ara l-Anness I.

[1] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[2] ĠU L 19, tas-26.1.1999, p. 4.
[3] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
[4] ĠU L 335, ta' l-10.12.1998, p. 39.
[5] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[6] ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.
[7] ĠU L 145, tal-15.5.1998, p. 13.
[8] ĠU L 159, tat-3.6.1998, p. 14.
[9] ĠU L 117, tas-7.5.1997, p. 1.

Numru tas-serje	Kodiċi NM (1)	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota (rjus ta' bhejjem)	Dazju Doganali
09.0003	ex 0102 90 05 ex 0102 90 29 ex 0102 90 49 ex 0102 90 59 ex 0102 90 69 ex 0102 90 79	Baqar u eriegħ tar-razez tal-muntanji li ġejjin, minbarra dawk għall-qatla: tar-razez Simmental kollha kuluri u tar-razez Schwyz u Fribourg	5 000	4 %

(1) Kodici Taric- ara l-Anness I.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, annimali kif hemm imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li m'humiex għall-qatla meta ma jkunux maqtula fi żmien erba' xhur mid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' ħruġ għal moviment ħieles.

Iżda, jistgħu jingħataw derogi f'każijiet li għalihom tkun ingħatat prova xierqa ta' *force majeure*.

3. Sabiex jikkwalifikaw għall-kwota ta' tariffa koperta bin-Nru ta' serje 09.0003, għandhom jiġu ppreżentati dawn li ġejjin:

— għal barrin: ċertifikat ta' razza pura,

— għal annimali nisa: ċertifkat ta' razza pura jew ċertifkat ta' reġistrazzjoni fi ktieb tal-merħla li jiċċertifika l-purità tar-razza.

Artikolu 2

1. Iż-żewġ kwoti li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu maqsuma f'żewġ partijiet ta' 80 %, jiġifieri 4 000 ras, u ta' 20 %, jiġifieri 1 000 ras.

(a) L-ewwel parti, li tkun ugwali għal 80 %, ta' kull kwota għandha tkun maqsuma bejn importaturi tal-Komunità li jkunu jistgħu jagħtu prova li huma importaw annimali taħt il-kwoti koperti bin-Nru ta' serje 09.0001 u/jew in-Nru 09.0003 fis-36 xahar ta' qabel is-sena ta' importazzjoni in kwistjoni.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw bħala kwantità ta' referenza drittijiet għal importazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mas-sena ta' qabel ta' importazzjoni li ma kienux ġew allokati minħabba żball amministarttiv mill-organizazzjoni nazzjonali kompetenti.

(b) It-tieni parti, li tkun ugwali għal 20 %, ta' kull kwota għandha tkun riservata għal applikanti li jistgħu jagħtu prova li huma importaw mill-inqas 15-il annimal bovin ħaj kopert bil-kodiċi NM 0102 minn pajjiżi terzi fit-tnax-il xahar ta' qabel is-sena ta' importazzjoni in kwistjoni.

L-importaturi għandu ikollhom isimhom fir-reġistru nazzjonali tal-VAT.

2. Fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet sottomessi għal drittijiet ta' importazzjoni, l-ewwel parti għandha tkun allokata lill-importaturi varji bi proporzjon skond l-importazzjonijiet tagħhom ta' annimali kif hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1(a) matul is-36 xahar ta' qabel is-sena ta' importazzjoni in kwistjoni.

3. Fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet sottomessi għal drittijiet ta' importazzjoni, it-tieni parti għandha tkun allokata lill-importaturi varji kif hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1(b) bi proporzjon għall-kwantitajiet li għalihom huma jkunu għamlu l-applikazzjoni.

Applikazzjonijiet għal drittijiet ta' importazzjoni:

— għandhom ikopru 15-il ras jew aktar, u

— ma jistgħux ikopru aktar minn 50 ras.

Applikazzjonijiet għal drittijiet ta' importazzjoni li jkopru aktar minn 50 ras għandhom jiġu trattati bħala li jkopru dak in-numru biss.

4. Prova ta' importazzjoni għandha tingħata esklussivament permezz ta' dokumenti tad-dwana ta' ħruġ għal moviment ħieles debitament iċċertifikati mill-awtoritajiet tad-dwana.

Stati Membri jistgħu jaċċettaw kopji tad-dokumenti fuq imsemmija debitament iċċertifikati mill-awtorità tal-ħruġ meta l-applikanti jkunu jistgħu jagħtu prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li huma ma jistgħux jiksbu l-oriġinali.

Artikolu 3

1. Importaturi li fl-1 ta' Ġunju qabel is-sena ta' importazzjoni in kwistjoni waqqfu l-attivitajiet tagħhom fis-settur taċ-ċanga u l-vitella ma jikkwalifikawx għal ebda allokazzjoni taħt l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1)(a).

2. Kumpanniji ffurmati bl-għaqda ta' intrapriżi li kull waħda għandha drittijiet skond l-Artikolu 2(2) għandhom igawdu l-istess drittijiet ta' l-intrapriżi li minnhom kienu ġew iffurmati.

Artikolu 4

1. L-applikazzjonijiet għal drittijiet ta' importazzjoni jistgħu jiġu sottomessi biss fl-Istat Membru fejn l-applikant għandu ismu mdaħħal f'reġistru tal-VAT nazzjonali.

2. L-applikanti jistgħu jissottomettu applikazzjoni waħda biss għal kull kwota u dik l-applikazzjoni jkollha x'taqsam ma' parti waħda biss tal-kwota.

Meta applikant jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwota, l-applikazzjonijiet kollha ta' dak l-applikant f'dak li għandu x'jaqsam ma' dik il-kwota għandhom jkunu kkunsidrati invalidi.

3. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 2(1)(a) u (b), l-applikazzjonijiet għal drittijiet ta' importazzjoni rigward kull numru ta' serje, flimkien mal-prova msemmija fl-Artikolu 2(4), għandhom jaslu għand l-awtoritajiet kompetenti sal-15 ta' Ġunju qabel is-sena relevanti ta' importazzjoni.

4. Wara li jivverifikaw id-dokumenti sottomessi, l-Istati Membri għandhom jibagħtu dan li ġej lill-Kummissjoni sa l-10 ġurnata tax-xogħol mid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet rigward kull numru ta' serje:

— rigward l-allokazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 2(1)(a), il-lista ta' importaturi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-aċċettazzjoni, bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom u n-numru ta' annimali importati matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 2(2),

— rigward l-allokazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 2(1)(b), il-lista ta' applikanti, bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom ul-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom.

5. In-notifikazzjonijiet kollha, inklużi in-notifikazzjonijiet "nil", għandhom jintbagħtu permezz ta' *fax* billi jkunu wżati l-formoli fl-Annessi II u III, meta jiġu sottomessi applikazzjonijiet.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema perċentaġġ ta' kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom għandu jkun allokat.

2. Rigward applikazzjonijiet msemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(4), meta l-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi perċentwali ta' riduzzjoni uniformi fil-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom.

Meta l-applikazzjoni tal-perċentwali ta' riduzzjoni uniformi li hemm provvediment dwarha fl-ewwel subparagrafu tirriżulta f'li jkunu allokati inqas minn 15-il ras għal kull applikazzjoni, l-allokazzjoni għandha ssir mill-Istati Membri konċernati billi jittellgħu bix-xorti gruppi ta' 15-il ras. Fejn il-bqija tkun inqas minn 15-il ras, dak in-numru għandu jikkostitwixxi grupp wieħed.

Artikolu 6

1. L-importazzjonijiet tal-kwantitajiet allokati għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' importazzjoni waħda jew aktar.

2. L-applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni jistgħu jiġu sottomessi biss għand l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn l-applikant jkun applika għal drittijiet ta' importazzjoni.

3. Wara li l-Kummissjoni tkun innotifikat il-kwantitajiet allokati skond l-Artikolu 5, għandhom jinħarġu l-liċenzi ta' importazzjoni wara li ssir applikazzjoni minn u f'isem in-negozjanti li kisbu drittijiet ta' importazzjoni.

4. Liċenzi ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal 90 ġurnata mid-data tal-ħruġ tagħhom fit-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88. Madankollu, liċenzi jistgħu jinħarġu biss mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' importazzjoni u l-perjodu ta' validità tagħhom m'għandux ikun estiż aktar mit-30 ta' Ġunju ta' wara.

5. Liċenzji maħruġa għandhom ikunu validi madwar il-Komunità kollha.

6. Mingħajr preġudizzju għad-disposizjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu r-Regolamenti (KEE) Nru 3719/88 u (KE) Nru 1445/95.

7. Minkejja l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament ma jkunux trasferibbli u għandhom jgħaddu drittijiet taħt il-kwoti ta' tariffa fejn ikunu magħmula biss fl-ismijiet li jidhru fid-dikjarazzjonijiet ta' ħruġ għal moviment ħieles li jkun hemm magħhom.

8. L-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 ma japplikax.

Artikolu 7

1. L-annimali importati għandhom ikunu sorvewljati skond l-Artikolu 82 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 sabiex jiġi żgurat li ma jkunux maqtula fi żmien erba' mill-ħruġ tagħhom għal moviment ħieles.

2. Sabiex ikun assigurat li l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li ma jinqatlux annimali importati jkun osservat u li dazji mhux imħallsa jkunu miġbura meta ma jkunx hemm konformità ma' l-obbligu, l-importaturi għandhom jiddepożitaw garanzija ma' l-awtoritajiet tad-dwana kompetenti. Il-garanzija għandha tkun daqs id-differenza bejn id-dazji tad-dwana preskritti fit-tariffa doganali komuni u d-dazji msemmija fl-Artikolu 1(1) applikabbli fid-data tal-ħruġ tagħhom għall-moviment ħieles ta' l-annimali in kwistjoni.

Il-garanziji għandhom jiġu rilaxxati minnufih li tingħata prova lill-awtoritajiet tad-dwana konċernati li l-annimali:

(a) ma ġewx maqtula fi żmien l-erba' xhur ta' wara d-data tal-ħruġ tagħhom għall-moviment ħieles,

jew

(b) ġew maqtula f'dak il-perjodu għal raġunijiet ta' *force majeure* jew għal raġunijiet ta' saħħa jew li mietu minħabba marda jew minħabba inċident.

Artikolu 8

L-applikazzjonijiet għal liċenzi u l-liċenzi għandhom juru:

(a) fil-kaxxa 8, il-pajjiż ta' oriġini; il-liċenzi jkun fihom l-obbligu li l-importazzjoni ssir minn dak il-pajjiż;

(b) fil-kaxxa 16, il-kodiċijiet NM mogħtija fl-Anness I;

(ċ) fil-kaxxa 20, waħda minn dawn li ġejjin:

— Razas alpinas y de montaña [Reglamento (CE) nº 1081/1999], año de importación:…

— Alpine racer og bjergracer (forordning (EF) nr. 1081/1999), importår:…

— Höhenrassen (Verordnung (EG) Nr. 1081/1999), Einfuhrjahr:…

— Αλπικές και ορεσίβιες φυλές [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1081/1999], έτος εισαγωγής …

— Alpine and mountain breeds (Regulation (EC) No 1081/1999), Year of import:…

— Races alpines et de montagne [réglement (CE) nº 1081/1999], année d'importation:…

— Razze alpine e di montagna [regolamento (CE) n. 1081/1999], anno d'importazione:…

— Bergrassen (Verordening (EG) nr. 1081/1999), invoerjaar:…

— Raças alpinas e de montanha [Regulamento (CE) n.º 1081/1999], ano de importação:…

— Alppi- ja vuoristorotuja (Asetus (EY) N:o 1081/1999), tuontivuosi:…

— Alp- och bergraser (förordning (EG) nr 1081/1999), importår:…

Artikolu 9

1. Kwantitajiet mhux koperti b'applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni sal-15 ta' Marzu tas-sena ta' importazzjoni għandhom jingħataw taħt allokazzjoni finali rigward dik is-sena, miftuħa biss għal importaturi li kienu applikaw għal liċenzi ta' importazzjoni li jkopru l-kwantità totali li għaliha huma intitolati, irrispettivament mid-differenza bejn iż-żewġ arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 2(1)(a) u (b).

2. Għal dak il-għan, sat-22 ta' Marzu tas-sena ta' importazzjoni l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dettalji ta' kwantitajiet mhux koperti b'applikazzjonijiet għal liċenza ta' importazzjoni li jkunu rċevew rigward kull numru ta' serje.

3. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni kemm jista jkun malajr fuq il-bqija tal-kwantitajiet.

4. Applikazzjonijiet għal drittijiet ta' importazzjoni minn importaturi interessati kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirreferu għal 15-il ras.

Meta jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal numru akbar, għandhom ikunu meqjusa bħala li jkopru dak in-numru biss.

5. Kull applikant għandu jissottometti applikazzjoni waħda biss għal kull kwota.

Jekk applikanti jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda għal kull kwota, l-applikazzjonijiet tagħhom kollha rigward dik il-kwota ma jkunux aċċettati.

6. L-applikazzjonijiet għal drittijiet ta' importazzjoni għandhom jaslu għand l-awtoritajiet kompetenti fi żmien ħamest ijiem taxxogħol mill-bidu fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3.

7. Sas-seba' ġurnata tax-xogħol minn wara d-data ta' l-egħluq għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet kif hemm preskritt fil-paragrafu 6, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista ta' applikanti u l-kwantitajiet li għalihom tkun saret applikazzjoni rigward kull numru ta' serje.

8. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 sa 8 għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Artikolu 10

Ir-Regolament (KE) Nru 1012/98 hu revokat.

Artikolu 11

Ir-Regolament (KE) Nru 1143/98 hu emendat kif ġej:

1. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1)(a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw bħala l-kwantità ta' referenza drittijiet ta' importazzjoni rigward is-sena ta' importazzjoni ta' qabel li ma kienux allokati minħabba żball amministrattiv mill-organizazzjoni nazzjonali kompetenti."

2. L-Artikolu 7(2) u (3) huma mħassra.

3. L-Artikolu 8(ċ) hu sostiwit b'dan li ġej:

"(ċ) fil-kaxxa 20, waħda minn dawn li ġejjin:

— Razas de montaña [Reglamento (CE) nº 1143/98], año de importación:…

— Bjergracer (forordning (EF) nr. 1143/98), importår:…

— Höhenrassen (Verordnung (EG) Nr. 1143/98), Einfuhrjahr:…

— Ορεσίβιες φυλές [κανονισμός (ΕΚ) αριθ.], έτος εισαγωγής …

— Mountain breeds (Regulation (EC) No 1143/98), Year of import:…

— Races de montagne [réglement (CE) nº 1143/98], année d'importation:…

— Razze di montagna [regolamento (CE) n. 1143/98], anno d'importazione:…

— Bergrassen (Verordening (EG) nr. 1143/98), invoerjaar:…

— Raças de montanha [Regulamento (CE) n.º 1143/98], ano de importação:…

— Vuoristorotuja (Asetus (EY) N:o 1143/98), tuontivuosi:…

— Bergraser (förordning (EG) nr 1143/98), importår:…"

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Iżda, l-Artikolu 10 għandu jgħodd mill-1 ta' Lulju 1999 biss.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Kodiċijiet Taric

Numru tas-Serje	Kodiċijiet Nm	Kodiċijiet Taric
09.0001	ex 0102 90 05	0102 90 05*20
		*40
	ex 0102 90 29	0102 90 29*20
		*40
	ex 0102 90 49	0102 90 49*20
		*40
	ex 0102 90 59	0102 90 59*11
		*19
		*31
		*39
	ex 0102 90 69	0102 90 69*10
		*30
09.0003	ex 0102 90 05	0102 90 05*30
		*40
		*50
	ex 0102 90 29	0102 90 29*30
		*40
		*50
	ex 0102 90 49	0102 90 49*30
		*40
		*50
	ex 0102 90 59	0102 90 59*21
		*29
		*31
		*39
	ex 0102 90 69	0102 90 69*20
		*30
	ex 0102 90 79	0102 90 79*21
		*29

L-ANNESS II

KE Nru tal-Fax (32-2) 296 60 27/(32-2) 295 36 13

Applikazzjoni ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru. 1081/1999 1081/1999

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ DG VI/D/2 — SETTUR TAĊ-ĊANGA U VITELLA

APPLIKAZZJONI GĦAL DRITTIJIET TA' IMPORTAZZJONI

Data: ..... Perijodu: .....

Stat Membru: .....

Numru ta' applikanti (1)	Applikant (isem u indirizz)	Kwantità (ras) importata minn lejn
	Total	

Stat Membru: Nru tal-Fax: .....

Telefon: .....

(1) Għadd kontinwu

L-ANNESS III

KE Nru tal-Fax (32-2) 296 60 27/(32-2) 295 36 13

Applikazzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru. 1081/1999

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ DG VI/D/2 — SETTUR TAĊ-ĊANGA U VITELLA

APPLIKAZZJONI GĦAL DRITTIJIET TA' IMPORTAZZJONI

Data: ..... Perijodu: .....

Stat Membru: .....

Numru ta' applikanti (1)	Applikant (isem u indirizz)	Kwantità (ras)
	Total	

Stat Membru: Nru tal-Fax: .....

Telefon: .....

(1) Għadd kontinwu